MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 602/2008

**G4 & Co socjeta' *en nom collectif* (P 1151) gja` G4 Ent Services Co Limited (C 35696)**

**Vs**

**NYSIR Mediterranean Limited (C 38138)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tlett elef, mija u sittin ewro u tlieta u sittin centezmi (€3160.63) rapprezentanti s-somma dovuta ghal ghotja ta' servizzi u pariri mis-socjeta' attrici, bl-imghax skond il-ligi, dekoribbli mill-1 ta' Ottubru, 2007 (data tal-fattura).

Is-socjeta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta pprezentat risposta u s-socjeta' konvenuta bdiet bil-provi taghha.

Illi fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2009 il-partijiet infurmaw lit-Tribunal illi kien hemm possibbilita’ ta’ transazzjoni u li l-kawza kienet ghal probabbli cessjoni. Illi fil-mori tal-kawza l-avukat tas-socjeta’ konvenuta irrinunzja ghal patrocinju.

Illi fis-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2009 is-socjeta’ konvenuta giet imsejjha tlett darbiet izda ma deher hadd u l-anqas ma deher hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta ta` llum.

Illi fis-seduta tat-23 ta’ Marzu, 2009 gie pprezentat Kapitolu mill-Avukat Dr Robert Tufigno u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------